MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 982/2002/1

**Dr. Mariosa Vella Cardona**

**vs**

**Anthony Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm710.00) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici fil-vettura taghha ABG 065, rizultanti minn incident stradali li sehh fl-20 ta' Dicembru, 2001 bejn il-vettura KBE 187 misjuqa mill-konvenut u dik numru ABG 065 misjuqa mill-attrici, u ghal liema ncident huwa unikament responsabbli l-istess konvenut stante traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ Frar, 2002 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut mill-istess data sal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fis-7 ta’ Mejju, 2002 fejn intqal illi:**
**Jirrespingi bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet vantati kontrih mill-attrici dwar l-incident li sehh bejniethom fl-20 ta’ Dicembru, 2001 li fih kienu nvoluti l-vetturi bin-numri KBE 187 misjuqa mill-konvenut u ABG 065 misjuqa mill-attrici, stante li l-incident sehh unikament tort ta’ imperizja, negligenza, nuqqas ta’ harsien ta’ regolamenti tas-sewqan u mprudenza minn naha ta’ l-attrici.**

**Ra r-risosta b’kontro talba tal-konvent fejn intqal illi:**

**Huwa jaghmel uzu mill-atti ta’ l-avviz tal-attrici biex iressaq il-kontro talba tieghu skond il-ligi. Il-konvenut fil-vesti tieghu bhala Direttur Generali fl-Ufficju tal-Prim Ministru, jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-attrici thallsu s-somma ta’ elf u sitt liri u erbgha u tletin centezmu (Lm1006.34c) rapprezentanti danni li hu sofra fil-vettura misjuqa minnu bin-numru KBE 187 meta f’incident stradali li sehh fl-20 ta’ Dicembru, 2001, il-vettura bin-numru ABG 065 misjuqa mill-attrici habtet gol-vettura tieghu, u dan wara li dan l-Onorabbli Tirbunal isib lill-attrici responsabbli ghal dan l-incident sforz l-imperizja, negligenza, nuqqas ta’ harsien ta’ regolamenti tas-sewqan u imprudenza da parti taghha.**

**Bl-ispejjez inkluz dawl tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Marzu, 2002 u bl-imghax legali kontra l-attrici, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ta’ l-attrici pprezentata fis-27 ta’ Mejju, 2002 li qieghda ssir bi twegiba ghal kontro talba pprezentata mill-konvenut.**

**Li t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u kwind fid-dritt, stanteli l-incident «de quo» sehh unikament**

**kagun tal-imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, u kwindi l-attrici m'ghandha tinstab responsabbli u kkundannata thallas l-ebda spejjez allegatament sofferti minnu.**

**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Mariosa Vella Cardona, John Callus, PS 3258 Patrick Bonnici, Anthony Mifsud. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-20 ta' Dicembru, 2001 bejn il-vettura ABG 065 misjuqa mill-attrici u l-vettura KBE 187 misjuqa mill-konvenut. F'din il-kawza saret ukoll kontro-talba da parti tal-konvenut li qed ighid li t-tort ta' l-incident ma kienx tieghu, izda ta' l-attrici. L-incident sehh f'National Road il-Furjana ghal habta tal-5:30p.m.**

**2. Jirrizulta illi z-zewg vetturi kienu qed isuqu mid-direzzjoni tal-Furjana, kienu qabzu l-funtana ta' l-iljun u kienu sejrin fid-direzzjoni tal-Porte de Bombes.**

**3. L-attrici tghid li kienet miexja hdejn is-centre strip meta xeghlet l-indicator u bdiet taqleb ghal gol-karreggjata ta' fuq ix-xellug taghha u dana minhabba illi l-vettura ta' quddiemha naqset fil-velocita'. Skond l-attrici wara ftit sekondi hasset daqqa minn wara waqt li kienet qed taqleb minn karreggjata ghall-ohra. Qalet li minhabba li l-art kienet tizloq baqghet diehla fis-centre strip. L-attrici tikkonferma li lill-konvenut ma ratux, pero' tghid illi hdejha ma kienx hemm karozzi.**

**4. Il-konvenut jikkonferma li kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Porte de Bombes u kienet ix-xita. Hu kien qed isuq fil-karreggjata ta' barra u cioe' vicin is-centre strip. Skond il-konvenut ra karozza tiskidja minn warajh, laqtitu u baqghet sejra fuq is-centre strip. Skond il-konvenut l-attrici ma kellhiex l-indicator mixghula. Il-konvenut ighid b'certezza li l-attrici skidjat, tant illi ra bir-roti ma jmissux ma' l-art.**

**5. Mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta li *«a tempo vergine»* l-attrici qalet dak illi fil-fatt irrizulta mix-xhieda taghha. Il-konvenut fl-istess rapport ighid illi l-attrici kienet hdejh, tilfet il-kontroll, laqtet il-vettura tieghu u spiccat fuq is-centre strip. Jirrizulta li z-zewg partijiet jaqblu ma' l-sketch esebit Dok PB2.**

**6. Is-surveyor John Callus li kien ezamina l-vettura ta' l-attrici jghid li l-impatt kien moderat u li d-daqqa kienet fir-rokna tal-lemin. Hu esebixxa s-survey Dok JC 1. Id-danni li kellha l-attrici huma evidenti mid-Dok MVC 2, filwaqt illi d-danni riportati mill-konvenut huma evidenti mid-Dok MVC 3. L-attrici kellha hsara fuq wara, fil-bumper minn nofsu ghal lemin u kellha hsara fil-fanal ta' wara u fit-tank tal-petrol. Jirrizulta illi l-konvenut kellu d-daqqa principali fuq quddiem in-naha tax-xellug.**

**7. Fil-fehma tat-Tribunal li kieku l-attrici kienet qed issuq ma genb il-konvenut, stante li d-daqqa taghha qieghda fir-rokna ta' wara tal-lemin u tal-konvenut qieghda fir-rokna ta' quddiem tax-xellug, kif ukoll in-natura tad-daqqa kif jidher dejjem mill-istess ritratti, necessarjament ifisser illi meta sar l-impatt l-attrici kienet gia qabel il-konvenut. It-Tribunal ma jaqbilx mal-versjoni li qed jaghti l-konvenut dwar kif gara l-incident, in kwantu d-danni riportati fil-vetturi ma jindikawx li l-vettura ta' l-attrici bdiet tiskiddja meta kienet warajh. Jekk wiehed jaccetta din il-versjoni tal-konvenut jigi li d-daqqa ma kienetx tkun fuq il-parti ta' wara ta' l-attrici, kif fil-fatt kienet.**

**8. Mill-ezami tal-fatti minn kif spiccaw il-vetturi wara l-incident, kif jirrizulta mill-iskizz u mill-versjoni tal-partijiet, it-Tribunal hu konvint illi l-attrici kienet qed taghmel manuvra biex tidhol fil-karreggjata tan-nofs. Hemm zewg versjonijiet konfliggenti dwar jekk l-indicator taghha kienx mixghul jew mitfi. L-attrici tghid li kien mixghul, il-konvenut jghid li ma kienx.**

**9. It-Tribunal jikkunsidra illi fil-fatt waqt li l-attrici kienet qed timmanuvra biex tidhol fil-karreggjata fuq ix-xellug taghha, u hu wisq probabbli li kienet kwazi dahlet fl-intier taghha fiha, l-konvenut gie minn wara u minhabba zball ta' kalkolu jew nuqqas ta' *"proper look out"* baqa' diehel fil-vettura taghha u**

**konsegwentement din tilfet il-kontroll u spiccat fuq is-centre strip.**

**10. Jigi rilevat li l-principju f'incidenti tat-traffiku gie kristallizzat mill-Qrati taghna kif ser jinghad:**

**"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-dottrina u fil-gurisprudenza, estera u lokali, in materja ta' ncidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri:- Hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkustanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah "a reasonable careful look-out", liema dmir igib mieghu li driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli." (App.Civ. Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et. Vol.XLVI-I-112)**

**Kif rilevat fil-kawza "Mazzitelli vs Carr" Vol.XXIX-II-504:**

**"A driver, in order to be free from blame, must have been driving in such a manner, with regard to all concomitant circumstances, as to have the car always and at any time, under proper control………."**

**Inoltre jinghad:**

**"Where a car is traveling in a straight course, turning neither to left nor to right, and is struck in the rear by another vehicle, the driver of the rear car is usually held responsible, especially if the car in front was on the proper side of the road. The front car has a superior right; his look-out is ahead and not behind; and he owes no duty to the rear except to use the road in the usual way, in accordance with the rule of the road…" (Trial of Motor Car Accident Cases para.83 citata fil-kawza William Buhagiar vs Nazzareno Borg Vol.XLIII-I-243).**

**11. Ghalhekk, tenut kont tar-rizultanzi, kif ukoll il-fatt li it-triq kienet imxarrba, u l-fatt li hemm hu post notorju ghall-incidenti, t-Tribunal hu tal-fehma illi l-konvenut ma kienx qed izomm d-debita diligenza, kien hemm nuqqas ta' proper look out ghall-vettura ta' quddiemu, jew ahjar zball ta' kalkolu, filwaqt li l-attrici**

**kienet qed timmanuvra biex taqsam minn karreggata ghall-ohra. Konsegwentement il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li sehhet.**
**12. Bhala danni l-ammont ta' seba' mija u ghaxar liri (Lm710.00) reklamat mill-attrici huwa a bazi tas-survey esebit Dok JC 1.**

**Ghaldaqstant, peress illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli l-konvenut kif fuq inghad, it-Tribunal qed jichad il-kontro talba tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' seba' mija u ghaxar liri (Lm710.00), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------